# Identità ta' Nazzjon

**Paul Cilia**

Il-ġrajjiet tal-poplu, sew dawk ta' ferħ kif ukoll dawk li ġabulu niket tul is-snin, jintesew malajr. Dan għaliex il-bniedem ikollu jaffronta ta' kuljum ma' problemi attwali jew biex jaħseb għal dawk tal-futur.

Sabiex jibqgħu miftakra ġrajjiet il-poplu tul is-snin, dan ħaseb sabiex jibnu monumenti bi ġrajjietu mnaqqxa fuq plakki tal-irħam imwaħħla mal-ħitan u esposti f'postijiet prominenti.




Insemmi fosthom hemm dawk il-ġrajjiet li għamlu ġieħ lill-poplu Malti u lill-pajjiż tiegħu speċjalment jekk deskritti minn personaġġi distinti. Hekk ngħidu aħna t-tbatija u l-erojiżmu tal-poplu Malti matul it-Tieni Gwerra Dinjija 1939-1945 huma mnaqqxa fuq plakki rħam u esposti mal-ħitan tal-Palazz Presidenzjali ġewwa l-Belt Valletta. F'waħda minn id ir-Re tar-Renju Ġorġ VI li jesklama fil-15 ta' April 1942:- *"To honour the brave people I award the George Cross to the Island Fortress of Malta to bear witness to a heroism and devotion that will long be famous in history"*.

U l-oħra minn id il-President Franklin D. Roosevelt tal-U.S.A. li jżid jgħid fis-7 ta' Diċembru 1943:- *"I salute the Island of Malta, its people and defenders who in the cause of freedom and justice and decency throughout the world, have rendered valorous service far above and beyond the call of duty."*




Kieku ma kienux dawn it-tifkiriet hekk importanti mnaqqxa fl-irħam u esposti f'post prominenti dawk li llum għandhom età anqas minn 60 sena ftit jistgħu jaħsbu kif il-poplu Malti kellu jgħaddi minn dawn il-ġrajjiet. Dan biex ma nsemmux ġrajjiet oħra tul ħakmiet fuq Malta minn ġnus differenti tul iż-żmien. Iżda qabel dawn kollha - l-aqwa, l-isbaħ - u l-ogħla ġieħ mogħti lill-poplu Malti nsibuh deskritt fl-aktar ktieb famuż fid-dinja li jiddeskrivi bl-aktar mod dettaljat in-nawfraġju tal-Appostlu San Pawl u sħabu fis-sena 60 wK fuq gżiritna kif imniżżel fl-Atti tal-Appostli (Atti 28, 1.2.10.11). Dan ukoll jinsab hawn fir-Rabat imnaqqax fuq plakki rħam bi tmien lingwi hekk esposti fuq plynth kommemorattiv f'nofs il-wesgħa zuntier tal-Kolleġġjata Appostolika. Jirrakkonta:- *"Meta ħlisna mill-għarqa sirna nafu li l-Gżira kien jisimgħa MALTA. In-nies tagħha ġiebu*

*ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħala. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll. Tawna wkoll minn kull xorti ta' ġid u meta ġejna biex nitilqu għabbew fuq il-ġifen kull ma konna neħtieġu"*. (ara *Il-Festa Tagħna* sena 2005, Nru 29 Pġ 20-21)



Kien għalhekk ħsieb għaqli u ta' min ifaħħru meta fl-1990 waqt iż-żjara Pastorali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwann Pawlu II fil-Parroċċa u s-Santwarju Internazzjonali tal-Grotta ta' San Pawl, fejn bla mistenni għamel ħin twil jitlob fis-skiet nhar is-27 ta' Mejju 1990. Hekk kif waslet tmiem iż-żjara tiegħu fil-ħin tat-tluq, il-Papa esklama l-ferħ tiegħu għal din iż-żjara.

L-awtur ġabar fil-qosor il-kliem ta' ġieh li l-Papa għoġbu jesklama it-tifħir għall-Poplu Malti u dak Rabti u tal-antenati tiegħu. Bil-koperazzjoni tal-mibki Arċipriet Kan. Benny Tonna u tal-ħabrieki Kan. Ġwann Azzopardi, il-kliem imnaqqax fuq plakka rħam twaħħlet mal-ħitan tal-Kolleġġjata f'post prominenti u li tiġbed l-attenzjoni tal-pellegrini u tal-viżitaturi numerużi li ta' kuljum iżuru r-Rabat, sew Maltin kif ukoll barranin (ara wkoll *Il-Festi Tagħna* 2005 Nru 29 p. 18). Din tħallset mis-Sur Salvinu Vassallo li sakemm dam ħaj ried li jibqa' anonimu.

Ma setax jonqos li malli l-Papa Ġwanni Pawlu II irritorna Ruma, huwa għarraf lill-kollaboratur tiegħu il-Kardinal


POPE JOHN PAUL II EXPRESSES
PARTING WISH

BELOVED PEOPLE OF MALTA

EARLIER TODAY, AT RABAT, I WAS PRIVILEGED TO SPEND A FEW MOMENTS IN SILENT PRAYER AT THE ANCIENT GROTTO VENERATED AS SAINT PAUL'S DWELLING DURING HIS STAY IN MALTA. IN THAT HOLY PLACE I GAVE THANKS TO GOD FOR THE RICH HARVEST OF FAITH AND GOOD WORKS WHICH HE HAS BROUGHT FORTH AMONG YOU SINCE THE APOSTLE OF THE GENTILES FIRST PROCLAIMED THE GOSPEL OF JESUS CHRIST TO YOUR FOREBEARS. I ALSO THANKED THE LORD FOR THE UNUSUAL KINDNESS WITH WHICH NINETEEN CENTURIES LATER ANOTHER VISITOR, THE SUCCESSOR OF PETER, WAS WELCOMED TO MALTA AS HE CAME TO PREACH THE SAME GOSPEL AND TO CONFIRM HIS MALTESE BROTHERS AND SISTERS IN THE SAME FAITH.

WITH RENEWED THANKS TO ALMIGHTY GOD FOR THE MANY BLESSINGS WE HAVE SHARED DURING THESE DAYS, I PRAY, IN THE WORDS OF SAINT PAUL, THAT THE LORD OF PEACE WILL GIVE YOU PEACE AT ALL TIMES IN ALL WAYS. MAY LOVE AND HARMONY ALWAYS DWELL IN YOUR HEARTS AND IN YOUR HOMES.

GOD BLESS MALTA. GOD BLESS YOU ALL.

Joseph Ratzinger dwar il-vista f'Malta u b'liema entużjażmu ġie milqugħ mill-Poplu Malti kull fejn mar speċjalment fiż-żjara lis-Santwarju Internazzjonali Grotta ta' San Pawl, kif ukoll lill-Knisja Parroċċa Pawlina fejn waqt mument ta' talb, b'attenzjoni kbira osserva r-rikezzi fosthom kif inhu imżejjen l-Altar Maġġuri meraviljuż u kif il-Poplu Rabti b'liema ġieh minn dejjem f'din il-Parroċċa Kolleġġjata jagħti qima b'tant solennità lil Ġesù Sagramentat.

Il-Kardinal Ratzinger impressjona ruħu tant li, meta wara l-mewt tal-mibki Papa Ġwanni Pawlu II, u bħala suċċessur dehen, laħaq bħala Papa Benedittu XVI.

Mal-ewwel okkażjoni taż-żjara Pastorali fil-Gżejjer Maltin, fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju tan-nawfraġju tal-Appostlu San Pawl, fuq xewqa espressa tiegħu stess, l-ewwel waqfa taż-żjara ried li tkun is-Santwarju Internazzjonali tal-Grotta ta' San Pawl u l-Knisja Appostolika Kolleġjata tar-Rabat. U biex jikkonferma din ix-xewqa tiegħu, il-Qdusija



Tiegħu Papa Benedittu XVI minn żmien qabel ħaseb sabiex għal dan is-Santwarju Internazzjonali Pawlin għoġbu jirregala lampa ta' Santwarju/ lampier tal-fidda u deheb b'disinn irfinut maħdum esklussiv għal lokal Maltin b'xeni li jirrappreżenta episodji mill-ħajja ta' San Pawl kif ukoll b'rabta man-Nawfraġju.

Dan il-Lampier huwa uniku fil-ġeneru tiegħu u ta' valur artistiku kbir. Altru li kien deċiż u nfurmat dwar Malta u s-Santwarju Pawlin (ara wkoll *Il-Festa Tagħna* 2010 Nru 34, p 54).

Fl-istess waqt hekk qal lill-folla numeruża li b'entużjażmu nġabret f'Misraħ il-Parroċċa nhar is-17 ta' April 2010:-

Rabat,
Saturday 17th April 2010

***Dear Brothers and Sisters,***

***My pilgrimage to Malta has begun with a moment of silent prayer at the Grotto of Saint Paul, who first brought the faith to these islands. I have come in the footsteps of those countless pilgrims down the centuries who have prayed in this holy place, entrusting themselves, their families and the welfare of this nation to the intercession of the Apostle of the Gentiles. I rejoice to be at last in your midst and I greet all of you with great affection in the Lord!***

***Paul's shipwreck and his three-month stay in Malta left an indelible mark upon the history of your country. In God's plan, Saint Paul thus became your father in the Christian faith. Thanks to his presence among you, the Gospel of Jesus Christ took deep root and bore fruit not only in the lives of individuals, families and communities, but also in the formation of Malta's national identity and its vibrant and distinctive culture.***

***Just now, as I stood before this Grotto, I reflected on the great spiritual gift (cf. Rom 1:11) which Paul gave to Malta, and I prayed that you might keep unblemished the heritage bequeathed to you by the great Apostle. May the Lord confirm you and your families in the faith which works through love (cf. Gal 5:6), and make you joyful witnesses to the hope which never disappoints (cf. Rom 5:5). Christ is risen! He is truly risen! Alleluia.***

Bil-kooperazzjoni tal-Arċipriet Kan Louis Suban li lilu miss il-privileġġ u l-unur li jilqa' lill-Qdusija Tiegħu l-Papa ġewwa l-Parroċċa Pawlina, kif ukoll tal-Kan. Ġwann Azzopardi, il-kliem ta' ġieh kif espress mill-Qdusija Tiegħu Papa Benedittu XVI ġie miġbur fil-qosor mill-awtur, u ġie mnaqqax fuq plakka rħam f'post prominenti espost mal-ħitan tal-Kolleġġjata.

Din il-plakka rħama ġiet regalata mill-*Fondazzjoni Patri Martin Caruana OP* bil-koperazzjoni ta' Dr Joseph Ferriġġi MD.

Iż-żjara pastorali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI fil-Parroċċa Pawlina tar-Rabat filwaqt li hija ta' ġieh kolossali għal kull min kien preżenti, hija wkoll ta' unur għal pajjiżna r-Rabat għax jiżdied mal-kullana twila ta' pellegrini u ta' personaġġi distinti li għamlu tul is-sekli żjara lil dan il-post imbierek minn Missierna San Pawl.

Fl-istess żmien anzi fl-istess ġranet ta' meta l-Papa waqt il-merħba mogħtija lilu ġewwa l-misraħ tal-Parroċċa b'tant entużjażmu qal il-frażi tant ta' unur u ta' ġieh għall-poplu Malti, din ġiet stampata riprodotta f'żewġ kotba volumi ta' lussu jikkommemoraw l-1950 Anniversarju tan-nawfraġju ta' Missierna San Pawl fuq gżiritna kif ukoll iż-żjara tant feliċi tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI fejn qalilna:- *"Bil-preżenza ta' Pawlu fostkom il-Vanġelu ta' Ġesù Kristu rabba għeruq fil-fond u kiseb il-frott mixtieq mhux biss fil-ħajja tal-individwu, tal-familji u komunitajiet iżda dan ukoll sawwar il-bażi tal-indentità nazzjonali ta' Malta bil-kultura vibranti u distinta tagħha".*



(Ara *San Pawl f'Malta u l-formazzjoni ta' identità ta' Nazzjon*. Edit:- John Azzopardi - Anthony Pace)

(Ara *Pauline Malta - The formation of a Nation's Identity*. Edit:- John Azzopardi - Thomas Freller).




Dawn iż-żewġ volumi filwaqt li huma minjiera ta' tagħrif dwar il-Kult Pawlin fil-Gżejjer Maltin, separatament jagħtu tagħrif importanti u dettaljat tas-Santwarju Internazzjonali tal-Grotta ta' San Pawl kif żviluppa tul is-snin u wkoll tal-bosta pellegrini tul is-sekli u tal-personaġġi distinti u ta' benefatturi li komplew isebbħu u jseddqu d-devozzjoni lejn dan il-lokal Qaddis.

U hekk wieħed jista' jikkonkludi li bi ftit inizjattiva hemm dejjem spazju għall-kreattività biex jinħolqu jew jitjiebu proġetti li jkunu ta' utilità u armonija għall-komunità. Din min-naħa tagħha tagħraf tapprezza għax joħloq djalogu u espressjoni u huwa wkoll ta' sodisfazzjon għal min ikun kunfidenti u juri ħeġġa.


# Flexicredit

A flexible loan that suits your needs.

**Available up to 7 years***
***On loan amounts of €10,000 or more**

A Flexicredit Loan is a great way of putting your plans into action and you can soon get things moving with a quick decision on your application.

So whatever you're looking to do, whether buying a new or second hand car, making some home improvements, planning that dream wedding or going on the holiday of a lifetime, we can help you.

**Special rates for HSBC Premier and HSBC Advance customers.**




Call **2380 2380**
Click **hsbc.com.mt**
Visit **your local branch**

HSBC

Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Archbishop Street, Valletta VLT1444

(Ara *San Pawl f'Malta u l-formazzjoni ta' identità ta' Nazzjon*. Edit:- John Azzopardi - Anthony Pace)

(Ara *Pauline Malta - The formation of a Nation's Identity*. Edit:- John Azzopardi - Thomas Freller).




Dawn iż-żewġ volumi filwaqt li huma minjiera ta' tagħrif dwar il-Kult Pawlin fil-Gżejjer Maltin, separatament jagħtu tagħrif importanti u dettaljat tas-Santwarju Internazzjonali tal-Grotta ta' San Pawl kif żviluppa tul is-snin u wkoll tal-bosta pellegrini tul is-sekli u tal-personaġġi distinti u ta' benefatturi li komplew isebbħu u jseddqu d-devozzjoni lejn dan il-lokal Qaddis.

U hekk wieħed jista' jikkonkludi li bi ftit inizjattiva hemm dejjem spazju għall-kreattività biex jinħolqu jew jitjiebu proġetti li jkunu ta' utilità u armonija għall-komunità. Din min-naħa tagħha tagħraf tapprezza għax joħloq djalogu u espressjoni u huwa wkoll ta' sodisfazzjon għal min ikun kunfidenti u juri ħeġġa.

